**St Francis School PTA, Birkirkara**

16, Triq l-Imnajjar, B'Kara BKR 05. Tel: 21442205; Fax: 21489320;
email: stfranbk@maltanet.net

# RAPPORT ANNWALI 2007/08

## A. Kumitat 2007/08

Wara l-Laqgha Ġenerali Annwali li saret nhar il-Ġimgha 26 t'Ottubru 2007, il-membri li kienu qed jiffurmaw il-Kumitat il-ġdid iltaqgħu għall-ewwel darba nhar it-Tlieta 30 t'Ottubru 2007 sabiex jaħtru il-Kumitat il-Ġdid. Dan kien iffurmat kif ġej:

**President:** Corinne Bartolo
**Vici-President:** Natalino Mallia
**Segretarju:** Joe Scerri
**Asst Segretarja:** Jacqueline Micallef
**Teżoriera:** Doris Zammit
**Asst Teżorier:** Alfred Sant
**PRO:** Sharon Young
**Activity Organiser:** Josette Galea
**Asst Activity Organiser:** Doreen Distefano

Barra minn hekk, il-Kap ta' l-Iskola Sr Giovannita Briffa u l-Assistenta tagħha, Sr Lucia Azzopardi, kif wkoll r-rappreżentanti ta' l-ghalliema Ms M D Teuma u Ms Helen Cremona, ingħaqdu *ex-ufficio* mal-lista ta' ġenituri bħala membri għalliema.

Matul is-sena il-Kumitat iltaqa` għal 8 darbiet, sewwasew f'dawn id-dati:

1. 30 t'Ottubru 2007
2. 16 ta' Novembru 2007
3. 14 ta' Dicembru 2007
4. 25 ta' Jannar 2008
5. 22 ta' Frar 2008
6. 4 t' April 2008
7. 27 ta' Gunju 2008
8. 28 t' Ottubru 2008

## B. Attivitajiet

Il-Kumitat tella' bosta attivitajiet matul s-sena. L-ghan principali tagħhom ikun sabiex jitkabbru l-fondi. Matul din is-sena tellajna dawn l-attivitajiet:

30 ta' Ottubru 2007, Bone Day

5 ta' Novembru 2007 : Borza ta' San Martin
12 ta' Dicembru2007 , 30 Jannar 2008 : Pizza Day
17 ta' Jannar 2008 : Apple Pie Day
19 ta' Frar 2008, Kwarezimal Day
29 ta' Mejju 2008 : Ftira Day

Kemm fil-Parents Days ta' Novembru, kif wkoll dik ta'Marzu saru żewġ *raffles* b'risq il-fond tal-PTA.

Fil-5 ta' Diċembru ppruvajna norganizzaw *Breakfast Event* (flok il-Coffee Morning tradizzjonali). Apparti l-lat ta' socjalizazzjoni, ppruvajna nilħqu skop edukattiv. Sfortunatament it-*turnout* għal din l-attivita` kien baxx u għaldaqstant l-attivita tħassret.

Barra minn hekk membri tal-Kumitat taw l-għajnuna tagħhom fl-organizzazjoni tal-Kunċerti tal-Milied f'Diċembru, assistenza ta' superviżjoni waqt ħarġiet għat-tfal, għajnuna u xiri ta' midalji waqt l-Ġurnata Sportiva f'Mejju, l-attivitajiet ta'l-ewwel tqarbina, u l-*school leaving* ta'l-istudenti tas-Sitt Sena. F'xi attivitajiet bħal ħarġiet tat-tfal ġew wkoll involuti membri mill-Kummissjoni Helpers.

## C. Assistenza permezz ta' Fondi.

Bħal ma ser tisimgħu fir-Rapport Finanzjarju, il-PTA assistiet f'diversi inizjattivi u attivitajiet permezz ta' fondi. Fost l-oħrajn ta' min isemmi, parti mir-rigali tal-Milied, parti mill-ispiża tal-figolli ta'l-Għid li ngħataw lit-tfal, nxtraw ir-rigali u *bookmarks* lit-tfal tal-Preċett, tħallsu il-midalji ta'l-*Sports Day*, kif wkoll il-kir tal-Padiljun tal-Basketball f'Ta Qali, fejn saret l-*sports day*, kif wkoll ir-riċevimenti li saru għall-istudenti li spiċċaw l-iskola, u wkoll għall-ġenituri ta' dawk it-tfal li kienu ser jibdew l-iskola.

Fuq talba u bi ftehim mal-Kap ta' l-iskola, din is-sena ma twettqux proġetti partikolari kif soltu jsir. Minflok, ġie miftiehem li l-PTA ġġemma il-flus li soltu tivvota għal dawn il-proġetti għal zewġ proġetti sostanzjali li tħabbru matul din is-sena, jiġifieri:

- Il-Proġett tal-Bini ta' *Playground* biswit l-iskola
- Is-CD mill-Kor ta' l-istudenti fl-okkażżjoni tas-Sena Pawlina.

Fir-rigward tal-Proġett tal-*Playground*, il-ħsieb hu li nassistu lill-iskola f'xiri ta' apparat li mbagħad ikun jista' intuża minn uliedna waqt il-lezzjoni ta'l-Edukazzjoni Fiżika. Minn naha l-ohra, ix-xoghol fuq ic-CD qiegħed fi stadju avvanzat u nistennew li nillanċjawha ma ndumux.

## D. Konklużjoni

Din kienet sena ohra mpenjattiva. Sar ħafna xogħol siewi u dan kollu b'risq il-ġid ta' uliedna. L-impenn ta' l-amministrazzjoni u l-għalliema ta'l-iskola għandu jimmotivana sabiex nkomplu ntejbu ix-xogħol tagħna. Ma nistawx ngħidu li ma kellniex koperazzjoni mill-ġenituri, ħlief għal xi eċċezzjonijiet żghar.

Bħal ma għidna kemm il-darba, il-kontinwita` bejn dak li uliedna jitgħallmu l-iskola u l-ambjent fid-djar, kif wkoll il-parteċipazzjoni ta'l-ġenituri fl-izvilupp ta' l-ulied, jikkontribwixxu mhux ftit fil-għan li tingħata edukazzjoni ħolisitika lil uliedna. Il-kuntest edukattiv f'pajjizna qed jinbidel kontinwament u miegħu jikbru l-isfidi ta'l-iskola. Aħna bħala ġenituri għandna nħossuna fid-dmir li ngħinu kif u fejn nistgħu lill-iskola tiffaċċja dawn l-isfidi. Għalhekk inkomplu ninkuraġġukom biex tkomplu taħdmu u tikkoperaw magħna u mal-amministrazzjoni ta'l-iskola, sabiex flimkien nkomplu ntejbu il-livell ta' l-iskola tagħna li fl-aħħar mill-aħħar igawdu minnu b'mod dirett l-istess uliedna.

______________

Joe Scerri<br>
Segretarju